**Il-kukkarda tat-Trinità**

Ħelwa ħelwa ġewwa kamarti qegħdha
O kukkarda wisq sbejħa tat-Trinità,
Inħares lejk naf li m'intix imbegħda
Dejjem tfittex l-uliedek bil-karità.

Niftakar meta sibtek fuq il-mejda
F'posti, tistennieni fir-refittorju,
X'ħin rajek tgħaxxaqt o ġmiel ta' fejda
Għożżejtek ma' qalbi int dormitorju.

Għax kull darba li nħares lejk niftakar
Kemm hu sabiħ li tħobbok O familja,
Fik, kull qalb miġrugħa, ssib hennietha.

Inqimek ferħan waqt li qed inbakkar
Biex lilek nitlob ħalli nfieq w nirpilja,
Xbiehtek lir-ruħ hi tagħti saħħitha.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Ġunju 2022

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.